14 ta' Ottubru, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Nutar Dottor Rosario Frendo Randon et. *versus* Beatrice Randon et.

**Testment — Interpretazzjoni — Eredità — Legat — Prelegat.**

*Meta l-kliem użat f'testment huwa ċar, mhux leċitu li wieħed jagħmel kwistjonijiet dwar il-volontà tat-testatur li għamel dak it-testment.*

*Huwa veru li t-testatur ma jistax jinnomina simultaneament l-istess persuna bħala eredi u legatarja ta' l-istess ħaġa; iżda jekk l-eredi huma aktar minn wieħed, jista' jiġi ordnat il-prelevament ta' xi ħaġa mill-wirt a favur ta' xi wieħed jew xi wħud mill-koeredi—dak li jissejjaħ prelegat.*

*L-irraġjonevolezza ta' dispożizzjoni f'testment, meta hija espressa f'termini preċiżi u mhux oskuri, ma tawtorizzax lill-interpreti biex ma jagħtuhiex effett. Għax l-uffiċċju ta' l-interpreti huwa dak li jara x'ried it-testatur, u mhux li jara x'kien ikun aktar sewwa astrattament li t-testatur ried.*

*F'dan il-każ giet interpretata l-frażi "gli altri eredi" użata mit-testatur, fid-dawl ta' dawn il-prinċipji.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi fis-27 ta' Ottubru 1923 miet il-Belt Valletta l-perit arkitett agrimensur Enrico Randon, b'testment in atti Edoardo Calleja Schembri tal-21 ta' Settembru 1922, li bih ħalla bħala werrieta lil kull wieħed miż-żewġ atturi f'settima partì, lill-konvenuti Luigi Randon, M.B.E., Giuseppe Randon u Beatrice Randon, f'settima parti kull wieħed, lill-mejtin Pro-

fessur Dottor Luigi Arnaldo Randon u Maġġur Dottor Roberto Randon f'settima parti kull wieħed; u li fit-18 ta' Marzu 1942 miet l-imsemmi Professur Luigi Arnaldo Randon, u ħalla l-użufrutt lill-konvenuta Evellina Randon u l-eredità bħala suġġetta għal dak l-użufrutt lill-konvenuti Miriam u Gabriella Randon; u li fit-2 ta' Ġunju 1941 miet il-Maġġur Roberto Randon u ħalla l-użufrutt lill-konvenuta Ida Randon u istitwixxa eredi tiegħu, salv l-istess użufrutt, lill-konvenuti wliedu fuq imsemmijin; u li l-kontendenti ġà qasmu bonarjament l-effetti mobili ereditarji u baqgħalhom biss in komun l-immobili ndikati fid-dok. C unit ma' l-att taċ-ċitazzjoni; talbu li ssir iddiviżjoni ta' l-imsemmijin immobili f'seba' porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati lill-kontendenti, bix-xorti jew b'assenjazzjoni, fil-proporzjonijiet fuq indikati, jiġifieri waħda kull wieħed lill-atturi, waħda kull wieħed lill-konvenuti Beatrice Randon, Luigi Randon, M.B.E., u Giuseppe Randon, waħda lill-eredi tal-Professur Luigi Arnaldo Randon, u waħda lill-eredi tal-Maġġur Roberto Randon, u lill-użufruttwarji fuq indikati; billi jiġi nominat perit sabiex jipproponi l-pjan tal-qasma, nutar għar-riċezzjoni u publikazzjoni ta' l-att relativ, u kuratur għar-rappreżentanza tal-kontumaċi. Bl-ispejjeż;

***Omissis:***

Peress illi d-definizzjoni ta' dina l-kwistjoni tiddependi mid-definizzjoni tal-kwistjoni li qamet bejn il-kontendenti dwar l-interpretazzjoni li għandha tiġi mogħtija lill-art. 17 tat-testment tal-Professur Dottor Giuseppe Randon, in atti Alfio Vella ta' l-4 ta' Lulju 1889;

Ikkunsidrat fuq dina l-kwistjoni, wara li semgħet id-difensuri tal-kontendenti u rat in-noti tagħhom;

Il-Professur Avukat Dottor Giuseppe Randon, in forza tat-testment tiegħu in atti Alfio Vella ta' l-4 ta' Lulju 1889, ħalla b'titolu ta' prelegat :—

a) Lill-uliedu bniet—allura xebbiet—Maria, Giovanna, Elvira u Leonilda, l-użu u l-użufrutt tad-dar il-Belt Valletta, Strada Mercanti, numru 222E, u tal-mezzanin sottopost, sakemm jibqgħu xebbiet, b'manjera li appena waħda minnhom tiżżewweġ, jispiċċalha d-dritt għal dak l-użu u użufrutt, u l-porzjoni tagħha takkrexxi dawk ta' ħutha l-bniet l-oħra li ma jkunux ħadu dak l-istat konjugali (art. 1);

*Omissis;*

Istitwixxa u nnomina eredi universali tiegħu lil uliedu (1) Avukat Dottor Nicola Agostino, (2) Agostino, (3) Perit Agrimensur Enrico, (4) Giuseppe, (5) Maria, (6) Giovanna, (7) Elvira, (8) Leonilda, kull wieħed u waħda minnhom f'parti u porzjoni ekwivalenti għal waħda minn disgħa (art. 10, 11, 12, 13, 14, 15 u 16); u fil-porzjoni rimanenti, ekwivalenti anki dina għal waħda minn disgħa, lill-ulied leġittimi u naturali ta' ibnu l-ieħor Vincenzo, kompriża l-leġittima spettanti lill-istess Giuseppe; u lil dawn impona l-obligu li jalimentaw lil missierhom mill-"fruttato" tal-beni lilhom assenjati;

It-testatur, prevalendosi mill-fakoltà lilu akkordata mill-liġi, iddivida u ddistribwixxa l-beni tiegħu, rimanenti wara l-prelegati fuq indikati, bejn l-imsemmijin eredi tiegħu, u lilhom assenja għall-porzjoni ta' kull wieħed jew waħda minnhom il-beni immobili li huma ndikati u deskritti fl-artikoli tat-testment tiegħu fuq indikati, relativi għan-nomina ta' l-eredi tiegħu;

Fl-artikolu deċimosettimo tat-testment, it-testatur qal li jrid, u hekk ordna, "che dopo la morte dell'ultima superstite celibe fra le dette signorine Maria, Giovanna, Elvira e Leonilda, figlie di esso signor testatore, l'uso e l'usufrutto contemplato nell'articolo primo debba consolidarsi colla proprietà a favore degli altri eredi come sopra istituiti, in quote uguali";

Kif ġà ntqal, il-kwistjoni bejn l-atturi u l-konvenuti qiegħda fuq l-interpretazzjoni ta' dana l-art. 17, u l-punt kontestat hija preċiżament l-espressjoni "altri eredi". L-atturi jridu jgħidu li għandha tirriferixxi għall-eredi kollha tat-testatur eskluża l-aħħar tifla li tkun mietet xebba; mentri l-konvenuti jippretendu li dik il-frażi tillimita ruħha biss għal dawk l-eredi li isimhom ma ġiex espressament imsemmi f'dik id-dispożizzjoni, jiġifieri l-erbat itfal subien tiegħu Dottor Nicola Agostino, Agostino, Perit Agrimensur Enrico, u t-tfal ta' ibnu l-ieħor Vincenzo;

Jekk il-frażi "altri eredi" tirriferixxi għall-eredi kollha, eskluża biss l-aħħar tifla li mietet xebba, bil-mewt ta' dina l-konsolidazzjoni saret a favur ta' dawk kollha; fil-każ l-ieħor il-konsolidazzjoni saret a favur biss tas-subien fuq indikati u t-tfal ta' Vincenzo;

Ikkunsidrat;

Mis-sempliċi qari ta' l-artikolu jidher ċar, mingħajr ebda oskurità, illi l-espressjoni "altri eredi" qiegħda in kontrappożizzjoni għall-espressjoni "ultima superstite celibe", ossija "nubile"; u allura l-eredi l-oħra huma l-eredi kollha tat-testatur, barra l-aħħar waħda li ma żżewġitx, li huma nnomina fl-art. X, XI, XII, XIII, XIV, XV u XVI tat-testment tiegħu, jiġifieri Dottor Nicola Agostino, Agostino, Perit Agrimensur Enrico, Maria, Giovanna, Elvira, u Giuseppe aħwa Randon, u t-tfal ta' Vincenzo, eskluża Leonilda, peress li dina kienet l-aħħar waħda li mietet xebba, u mhux is-subien biss fuq imsemmija u t-tfal ta' Vincenzo, kif jippretendu l-konvenuti, imma anki l-bniet li ssemmew, għaliex anki dawn huma eredi. La mid-dispożizzjoni in eżami u lanqas minn xi parti oħra tat-testment ma jista' wieħed isib xi ħaġa li ġġagħlu jaħseb diversament; anzi, mill-kumpless tat-testment wieħed jista' jirrikava li l-ħsieb tat-testatur ma kienx dak li jeskludi l-bniet kollha, għaliex huwa wera illi lill-bniet ried jippreferihom; u dan apparti l-konsiderazzjoni illi, kieku ried jeskludihom, kien ikun wisq faċli li jagħmel hekk b'mod ċar u preċiż, kif b'mod ċar u preċiż immanifesta l-intenzjoni tiegħu li jeskludi biss l-aħħar waħda fost il-bniet li tkun mietet xebba, meta qal illi l-użu u l-użufrutt għandu jikkonsolida ruħu malproprjetà a favur "degli altri eredi"—liema espressjoni, "degli altri eredi", ġiet dettata, kif ġà ntqal, in kontrappożizzjoni għall-frażi "ultima superstite celibe";

In vista tad-diċitura ċara tad-dispożizzjoni kontenuta flartikolu XVII l-ebda argument ma jista' jiġi miġjub 'il-quddiem biex tiġi mogħtija interpretazzjoni diversa minn dik fuq indikata; għaliex mhux leċitu li wieħed jagħmel kwistjoni ta' volontà meta l-kliem tat-testatur huwa ċar;

Huwa veru dak li qalu l-konvenuti, illi t-testatur ma jistax jinnomina simultaneament l-istess persuna eredi u legatarja fl-istess ħaġa; iżda jekk l-eredi huma aktar minn wieħed, jista' jiġi ordnat il-prelevament ta' xi ħaġa mill-wirt a favur ta' xi wieħed jew xi wħud mill-koeredi—dak li jissejjaħ prelegat (Vitali, Vol. II, paġ. 412 n,ru. 1413, Ediz. 1893);

Il-konvenuti għamlu wkoll riferenza għall-art. 759 tal-Kodiċi Ċivili, imma l-każ kontemplat f'dak l-artikolu huwa

alkwantu divers; għaliex il-konsolidazzjoni *ta'* l-użu u użufrutt mal-proprjetà a favur ta' l-eredi l-oħra kollha barra "l'ultima superstite celibe" *ma tiddependix* minn ġrajja mhux żgura, fil-waqt illi l-artikolu tal-liġi ċitat jikkontempla dispożizzjoni magħmula f'testment taħt kondizzjoni dipendenti minn avveniment mhux *żgur*—*kondizzjoni* tali li, fil-ħsieb tattestatur id-dispożizzjoni ma għandhiex tiswa ħlief fil-*każ li* dak l-avveniment javvera ruħu jew ma javverax ruħu; u l-liġi tiddisponi illi f'dak il-*każ* dik *id-dispożizzjoni* f'testment tibqa' bla effett kemm il-darba l-persuna li favur tagħha dik id-dispożizzjoni tkun ġiet magħmula tmut qabel ma sseħħ il-kondizzjoni. F'dan il-każ *il-konsolidazzjoni* hija ħaġa żgura jew biżżwieġ tal-bniet kollha jew bil-mewt ta' l-aħħar waħda xebba;

Il-konvenuti ġiebu argumenti oħra in sostenn ta' l-interpretazzjoni li jridu jagħtu lill-*frażi* "degli altri eredi" fl-artikolu XVII, iżda ebda wieħed ma hu aċċettabbili;

Huma jgħidu illi kieku t-testatur ried jikkomprendi anki lill-uliedu l-bniet, lil *min* ħalla l-użufrutt, kien jgħid li l-konsolidazzjoni kellha ssir favur "gli eredi", mhux "a favore degli altri eredi". It-testatur, iżda, ma setax jgħid "gli eredi", għaliex huwa ried jeskludi l-aħħar waħda "nubile", u allura bilfors kellu juża l-espressjoni "gli altri eredi"; u kieku uża l-espressjoni "gli eredi", kienet tiġi kompriża dik l-aħħar waħda "nubile" li t-testatur appuntu wera li ried jeskludi;

*Il-konvenuti jgħidu wkoll li meta t-testatur qal li l-konso*lidazzjoni għandha ssir favur l-eredi l-oħra "in quote uguali", qal hekk sabiex ma jiftiehemx li l-konsolidazzjoni kellha ssir fil-proporzjon ta' waħda minn disgħa — f'*liema* proporzjon għamel l-istituzzjoni ta' l-eredi; u qal li kellha ssir f'ishma ndaqs, jiġifieri fi kwint għal kull wieħed mill-eredi subien. Dana l-argument ma jwassalx *fejn iridu* jaslu l-konvenuti, għaliex mhux billi t-testatur qal "in quote uguali" għandu wieħed bilfors *jifhem* li dawk il-kwoti kellhom ikunu ta' waħda minn ħamsa kull waħda; jistgħu jkunu wkoll ta' waħda minn tmienja, kif fil-fatt huma, ġà ladarba hija eskluża biss "l'ultima superstite celibe". It-testatur ma setax jgħid li l-konsolidazzjoni kellha ssir fil-proporzjon ta' waħda minn disgħa, appuntu għaliex hija eskluża waħda mid-disa' eredi—dik appuntu li tkun mietet l-aħħar xebba;

Argument ieħor li l-konvenuti jġibu 'l-quddiem huwa meħud mill-konfront ta' l-artikolu XVII u l-art. XVIII. Huma jgħidu li, meta t-testatur ried, semma l-eredi u l-prelegatarji, bħal ma għamel fl-art. XVIII. Iżda ż-żewġ artikoli ma jixxiebhu xejn, u għalhekk tkun ħaġa wisq imprudenti kieku kellu wieħed jisserva b'wieħed minnhom għall-interpretazzjoni ta' l-ieħor. Fl-art. XVIII it-testatur bilfors kellu jsemmi anki l-prelegatarji, għaliex ried li anki in rigward ta' dawna jiġu sostitwiti għall-prelegati l-ulied u d-dixxendenti tagħhom; mentri fil-każ ta' l-art. XVII kien biżżejjed li jsemmi l-eredi biex jinkludi l-bniet kollha barra mill-aħħar li tkun mietet xebba; għaliex dawk il-bniet kollha kienu wkoll eredi;

Il-konvenuti jippretendu wkoll illi l-interpretazzjoni li t-testatur ried jeskludi biss l-aħħar tifla nubili superstiti ma tagħtix sens, għaliex ma hemmx raġuni biex tiġi eskluża hija biss u mhux anki l-oħrajn, li, jew bil-mewt tagħhom jew biżżwieġ tagħhom, kienu tilfu l-użufrutt; u għalhekk huma jgħidu li hija preferibili l-interpretazzjoni tagħhom. Għandu f'dan il-punt jiġi osservat illi l-irraġjonevolezza ta' dispożizzjoni espressa f'termini preċiżi u mhux oskuri ma tawtorizzax l-interpreti biex ma jagħtux effett għal dik id-dispożizzjoni; il-għaliex, kif ingħad fil-kawża "Savona vs. Micallef" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Ottubru 1918, ċitata mill-istess konvenuti, "ufficio dell'interprete è di esaminare che cosa il disponente ha voluto, non che cosa astrattamente sarebbe stato meglio che il disponente volesse". U dana apparti wkoll il-konsiderazzjoni jekk id-dispożizzjoni in eżami kienetx tkun irraġjonevoli f'kull każ bħal ma jippretendu l-konvenuti;

Argument ieħor tal-konvenuti huwa illi, ladarba t-testatur ħalla lill-uliedu bniet l-użufrutt, il-preżunzjoni hija li ma riedx iħallilhom il-proprjetà. Dana, iżda, mhux eżatt f'każijiet simili. Hija ħaġa, biex wieħed jgħid hekk, li tirrikorri kuljum, li wieħed iħalli lill-uliedu kollha eredi, u lill-bniet li ma jkunux miżżewġin l-użufrutt ta' xi parti mis-sustanzi tiegħu, jew anki ta' kollha kemm huma;

Fl-aħħarnett, lanqas il-fatt li t-testatur ħalla prelegati favur il-bniet ma huwa argument kontra l-interpretazzjoni li ġiet mogħtija. B'dawk il-prelegati t-testatur wera illi lill-bniet

ried javvantaġġjahom. Huwa wera, anki bit-testment susseġwenti li għamel fl-1891, li ried l-ugwaljanza bejn uliedu kollha, bniet u subien, bħala eredi tiegħu, jiġifieri fil-qasma ta' ġidu bejniethom bħala werrieta tiegħu, u li ried imbagħad jippreferixxi lill-uliedu l-bniet bil-prelegati li ordna favur tagħhom, u lill-ibnu Enrico billi rranġalu aħjar minn ta' l-oħrajn il-porzjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara illi l-użu u l-użufrutt imħolli mill-Professur Dottor Giuseppe Randon fl-art. 17 tat-testment tiegħu *in atti* Alfio Vella ta' l-4 ta' Lulju 1889 lill-uliedu Maria, Giovanna, Elvira u Leonilda, bil-mewt ta' dina Leonilda kkonsolidaw ruħhom mal-proprjetà tad-dar fil-Belt Valletta, Strada Mercanti, il-lum Merchants Street, nru. 222E., u taħ-*mezzanin* sottopost nru. 222D. favur ta' l-eredi kollha tiegħu bniet u subien, jiġifieri favur uliedu Dottor Nicola Agostino, Agostino, Enrico, Giuseppe, Maria Giovanna, u Elvira, u favur it-tfal leġittimi naturali ta' ibnu l-ieħor Vincenzo, fi kwoti ugwali;

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa. Id-dritt tar-Reġistru jitħallas nofs mill-atturi, u nofs mill-konvenuti.